

31.1.2024

A9-0014/129

Emenda 129

Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull deċiżjoni meħuda skont is-setgħat vestiti fl-Awtorità b'dan ir-Regolament, jew nuqqas ta' eżerċizzju tagħhom, jistgħu jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew b'risposta għal talba minn Stat Membru jew minn persuna interessata direttament u individwalment.

Kull deċiżjoni meħuda skont is-setgħat vestiti fl-Awtorità b'dan ir-Regolament, jew nuqqas ta' eżerċizzju tagħhom, jistgħu jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew b'risposta għal talba minn Stat Membru jew minn persuna interessata direttament u individwalment, **u minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika b'interess suffiċjenti. Kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni ambjentali u l-protezzjoni tas-saħħa, u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali, għandha titqies bħala li għandha interess suffiċjenti.**

Or. en

31.1.2024

A9-0014/131

Emenda 131

Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare

Daly, Manu Pineda

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom

(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 32c (ġdid)

Direttiva 98/44/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32c

Emenda għad-Direttiva 98/44/KE

Fl-Artikolu 6(1), jiżdied il-paragrafu li ġej:

“(e) il-pjanti tal-NGT, il-materjal tal-pjanti, partijiet minnhom, l-informazzjoni ġenetika u l-karatteristiċi tal-proċess li jkun fihom, kif definit fir-Regolament (UE) .../... [OP: jekk jogħġbok daħħal referenza għal dan ir-Regolament];”.

Or. en

31.1.2024

A9-0014/132

Emenda 132

Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 32d(ġdid)

Direttiva 98/44/KE

Artikolu 8 – paragrafi 3 u 4 (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32d

Emendi għad-Direttiva 98/44/KE

Fl-Artikolu 8, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3. B’deroga mill-paragrafu 1, il-protezzjoni mogħtija minn privattiva fuq materjal bijoloġiku li jippossjedi karatteristiċi speċifiċi m’għandhiex testendi għal materjal tal-pjanti li fih dak il-materjal bijoloġiku jkun inkorporat u li ma jintgħarafx minn materjal tal-pjanti miksub jew li jista’ jinkiseb permezz ta’ proċess essenzjalment bijoloġiku.

4. B’deroga mill-paragrafu 2, il-protezzjoni mogħtija minn privattiva fuq proċess li jippermetti l-produzzjoni ta’ materjal bijoloġiku li jippossjedi karatteristiċi speċifiċi bħala riżultat tal-invenzjoni ma għandhiex testendi għal materjal tal-pjanti li fih dak il-materjal bijoloġiku huwa inkorporat u li ma jistax jintgħaraf minn materjal tal-pjanti miksub jew li jista’ jinkiseb permezz ta’ proċess essenzjalment bijoloġiku.”

Or. en

31.1.2024

A9-0014/133

Emenda 133

Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare

Daly, Manu Pineda

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom

(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 32e (ġdid)

Direttiva 98/44/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32e

Emenda għad-Direttiva 98/44/KE

Fl-Artikolu 9, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel paragrafu, il-protezzjoni mogħtija minn privattiva fuq prodott li jkun fih jew li jikkonsisti f’informazzjoni ġenetika ma għandhiex testendi għall-materjal tal-pjanti li fih il-prodott ikun inkorporat u li fih l-informazzjoni ġenetika tkun miżmuma u twettaq il-funzjoni tagħha, iżda li ma jkunx jista’ jintgħaraf minn materjal tal-pjanti miksub jew li jista’ jinkiseb permezz ta’ proċess essenzjalment bijoloġiku.”.

Or. en

31.1.2024

A9-0014/134

Emenda 134

Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu -32f (ġdid)

Direttiva 98/44/KE

Artikolu 15 – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32f

Emenda għad-Direttiva 98/44/KE

Fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva emendata mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2012. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b’dan.”.

Or. en

31.1.2024

A9-0014/135

Emenda 135

Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare

Daly, Manu Pineda

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom

(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandu japplika minn [24 xahar wara d-
data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-
Regolament].

Għandu japplika minn ... [48 xahar mid-
data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-
Regolament].

Or. en

31.1.2024

A9-0014/136

Emenda 136

Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Anness I

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT
għall-pjanti konvenzjonali***

imħassar

***Pjanta tal-NGT titqies ekwivalenti għal
pjanti konvenzjonali meta tkun differenti
mill-pjanta riċevitriċi/ġenitur b'mhux
aktar minn 20 modifika ġenetika tat-tipi
msemija fil-punti 1 sa 5, fi kwalunkwe
similarità tas-sekwenza tal-kondiviżjoni
tas-sekwenza tad-DNA mas-sit fil-mira li
tista' tiġi mbassra minn għodod
bijoinformatiċi.***

***(1) is-sostituzzjoni jew l-inserzjoni ta'
mhux aktar minn 20 nukleotid;***

***(2) it-tħassir ta' kwalunkwe numru ta'
nukleotidi;***

***(3) bil-kundizzjoni li l-modifika
ġenetika ma tinterrompax ġene endoġenu:***

***(a) inserzjoni mmirata ta' sekwenza
kontigwa tad-DNA li teżisti fl-
aggregazzjoni tal-ġeni tan-nissiel;***

***(b) sostituzzjoni mmirata ta' sekwenza
endoġena ta' DNA b'sekwenza kontigwa
tad-DNA li teżisti fl-aggregazzjoni tal-ġeni
tan-nissiel;***

***(4) inverżjoni mmirata ta' sekwenza ta'
kwalunkwe numru ta' nukleotidi;***

***(5) kwalunkwe modifika mmirata oħra ta'
kwalunkwe daqs, bil-kundizzjoni li s-***

AM\1295790MT.docx

PE756.833v01-00

*sekwenzi tad-DNA li jirriżultaw diġà
jseħħu (possibbilment b'modifiki kif
aċċettati skont il-punti (1) u/jew (2)) fi
speċi mill-aggregazzjoni tal-ġeni tan-
nissiela.*

Or. en